**Lil kbir Duminku fil-Ġublew tad-Dħul tiegħek fis-Sema**

O Alla Ħallieq, Feddej tagħna
Isma' din it-talba ta' ibnek,
Duminku ta' Gużmán, kbir w umli
Bih għinna nfaħħru dejjem l'Ismek!

Tminn mitt sena ilu ġejt imsejjaħ
Biex tidħol għal dejjem fil-mistrieħ,
Bik tgħaxxqet Dar Missier il-Ħajja
Daru miegħek anġli kbar u sbieħ.

O Duminku issa fis-sema
Qed taqsam sehmek f'saltnet id-dawl,
Mis-sema f'jum il-ġublew tiegħek
Ħu ħsiebna ilkoll waqt li qegħdin hawn.

Duminku, għalliem il-qdusija
Mexxina lejn il-grazzja tal-Mulej,
Itlob għalina ħalli nwettqu
Il-missjoni issa u f'li ġej.

Dik il-missjoni tant għażiża
Bħal Ġesù bil-predikazzjoni,
Għinna nqawwu bil-ħeġġa kollha
Lill-poplu bil-kelma w l-azzjoni.

Dik il-kelma bil-wisq leqqiena
Mimlija mħabba u verità,
Kelma li ddewwi b'ħafna ħniena
Kelma li tqanqal għall-karità.

Duminku, mis-sema għalina
Idħol u max-xirka tal-ħenjin,
Itlob fuq li titlob għalina
Sakemm bħalek nsiru qaddisin.

U din it-talba inwessgħuha
B'dik il-qalb taħraq Dumnikana,
Li mas-sekli wildet lill-Knisja
Predikaturi wisq ħerqana.

Hekk, lkoll flimkien bħala familja
Ma' Marija tal-Fidwa il-bieb,
Għażiż Duminku ħudna miegħek
Għand Dak li hu l-Ħabib tal-ħbieb!

U dawn iż-żewġ kelmiet Missieri

Jiktibhomlok b'qalbu Franġiskan,
Qed naraha t-tbissima fuq wiċċek
Daqskieku kitibhom Dumnikan!

Patri Mario Attard OFM Cap
30 ta' Jannar 2021